STEJJER QOSRA U L-PREMJU TAL-UE

Illum qed nippreżentalkom żewġ kotba ta' stejjer qosra li jidhru differenti ħafna minn xulxin u forsi jappellaw għal gosti differenti. L-ewwel ktieb huwa bbażat fuq memorji li jmorru lura sas-snin sebgħin sallum, minsuġa minn rakkonti fuq Facebook waqt il-pandemija.

It-tieni ktieb ta' Vincent Piccinino jikkonsisti f'numru ta' stejjer ħelwin, mexxejja u ispirati mill-ħajja ordinarja ta' kuljum.

Jien - Noti - Jien ta' Immanuel Mifsud u Toni Sant; Pubblikazzjoni Klabb Kotba Maltin

M'inix sorpriż li Toni Sant u Immanuel Mifsud jikkollaboraw flimkien fuq dan il-proġett. It-tnejn li huma ħarġu b'ideat friski, esperimentaw fl-oqsma tagħhom. It-tnejn li huma studjaw, qraw ħafna u daħħlu f'pajjiżna ideat ġodda u innovattivi xprunati mil-letteratura li qraw u mill-esperjenza tagħhom barra minn xtutna wkoll.

Dan il-ktieb huwa forma ta' djarju, mitkub waqt il-perjodu tal-pandemija, b'tapep mużikali li jixprunaw il-ħsieb u l-memorji lura għassnin sebgħin il hawn. Li ġara kien li matul dan il-perjodu li fih konna magħluqin fiddjar tagħna sabiex nipproteġu ruħna mill-marda ġdida li ġabet bosta tensjoni, kemm Immanuel u kemm Toni (f'dan l-artiklu nippreferi nuża l-ewwel isem kif imdorrijin bih), kienu jtellgħu permezz ta' facebook numru ta' memorji li lkoll niftakru u magħhom kienu jinkludu wkoll xi biċċa mużika. Forsi ta' min insemmu wkoll li f'dawk iż-żminijiet Immanuel kien joffrielna wkoll qari minn xogħlijiet tiegħu, kollox online, li kienu jkunu segwiti ferm.

Għalhekk dan il-ktieb huwa maqsum fi tnejn: Ir-rakkonti ta' Immanuel u dawk ta' Toni. Fih insibu erba' u tletin rakkont kull wieħed, simili bħal dawk li ttellgħu permezz ta' Facebook. Isfel naraw liema mużika kienu semmgħu dak in-nhar. Pero' mbagħad fil-kontenut tal-istejjer jissemmgħu ukoll numru ta' kanzuneti oħrajn popolari – mużika li tant influwenzat nies u mhux inqas lil dawn l-awturi.

Naturalment kif bosta jafu, (Toni huwa espert dwar hekk), kitba fuq Facebook trid tkun qasira biex tkun effettiva. Niftiehmu li dawn l-istejjer ukoll huma konċiżi, iwasslu l-messaġġ b'mod dirett, imma għalkemm ma niftarx dak kollu li kitbu Immanuel u Toni fuq Facebook, nifhem li permezz ta' ktieb aktar setgħu jartikolaw il-ħsieb u jwasslu aħjar dak li kellhom xi jgħidu.

Lil Toni Sant niftakruh ukoll bil-programm Noti Memorabbli fuq Campus FM, programm li l-għan tiegħu kien propju storjografija tal-mużika. U allura meta rajt dan il-ktieb Jien Noti Jien ma setax ma jfakkarnix fdan il-programm, li naħseb li influwenza mhux ftit l-iżvilupp ta' dan ix-xogħol.

Li l-qarrej isib xi storja li jiftakar hija xi ħaġa ħelwa u mistennija meta jaqra dan il-ktieb. Fil-ktieb ser insibu dwar meta konna nużaw it-TDK, meta miet Elvis, meta bdejna nerġgħu nieħdu sehem fil-Eurovision u ħafna oħrajn. Irrid ngħid li personalment Toni Sant fakkarni ftit ukoll fiż-żmien tal-MaltaMedia, flimkien ma' Martin Debattista, għaliex dak iż-żmien kont insegwi sew dan is-sit u ngħatajt permess biex inxandar l-aħbarijiet ta' din il-paġna fuq radju tal-komunita'. Għall-qarrejja tagħna, xi stejjer jistgħu ikunu nostalġiċi. Imma dawn l-istejjer imorru lil hinn minn hekk. Id-differenza minn djarju normali, hija li l-verita' f'dan il-ktieb tista tkun mistħajla u żviluppata matul is-snin. Dan ifisser li mhux importanti daqstant il-lealta' lejn il-fatti kif ġraw, imma għalkemm il-memorja tkun veritiera xorta tista' tkun selettiva mingħajr ma tkun mistħajla. Għaldaqstant

il-fatti li għandna huma frażi li t-tfal tal-ħaddiema jibqgħu fil-qafas tal-klassi tal-ħaddiema.

Forsi l-mistoqsija li tiġi wara li taqra dan il-ktieb hija: Liema huma dawk il-memorji li ma ġewx inklużi f'dan l-ktieb? Hemm xi esperjenzi oħra li tiftakru min għex fdawn iż-żminijiet? Il- mistoqsijiet l-oħrajn huma għall-qarrejja: tiftakru xi eposodji milli nsibu f'dan il-ktieb?

U l-kanzunetti msemmija f'dan il-ktieb, iwasslulkom xi messaġġi?

L-Appuntament mad-Destin u stejjer oħra ta' Vincent Piccinino

Vincent Piccinino mhuwiex wiċċ ġdid imma dawn huwa sa fejn naf jiena l-ewwel ktieb tiegħu bi stejjer qosra.

Il-qarrejja tagħna spiss jistaqsuna għal qari li mhux daqstant impenjattiv, u forsi dan wassal biex l-awtur jinkludi li dan huwa qari għallgost. Ovvjament jiena ngħid li kull qari għandu jkun hemm mil-gost imma naħseb li b'din id-deskrizzjoni, l-awtur irid iwassal għal x'ser wieħed isib f'dan il-ktieb.

Dan huwa ktieb ta' stejjer qosra u qed nuża dan it-terminu b'mod intenzjonat, għaliex l-istejjer huma tabilħaqq qosra. Filwaqt li bħala awtur nifhem l-isfida biex tkun konċiż, bosta qarrejja spiss jitolbuna kotba fejn jaslu għal konklużjoni malajr.

F'dan il-ktieb ser insibu stejjer ordinarji ispirati mill-ħajja ordinarja ta' kuljum. Għalkemm ovvjament l-istejjer huma fittizji imma jisiltu minn ġrajjiet u tip ta' karattri tal-ħajja ta' kuljum u l-qarrej ser ikun faċli ħafna li jirrelata magħhom.

Fil-fatt element essenzjali f'dan il-ktieb huwa li l-istejjer ambjentati lokalment, filbiċċa l-kbira fil-Belt Valletta u fil-madwar. Ser insibu postijiet bħal ġnien tal-Mirolda, Strada Merkanti l-Belt, ic-Chadwick lakes, it-telgħa li tagħti għal Qala u oħrajn bid-dettalji kollha li wieħed jistenna.

L-element ta' sorpriza ma jonqosx. U lanqas ta' tbissima xi kultant. It-tmiem tal-istejjer forsi ma jkunx kif nixtiquh jew inkella kif inkunu qed nistennew. Vanġiela ma tantx